# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju 2002**

**Numru  184**

**Citaz.  numru:  2171/97/1 NA**

**Joseph Cutajar**

**vs**

**Charmaine Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-22 ta' Settembru 1997 fejn ippremetta:

"Illi l-kontendenti zzewgu civilment fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar 1995, fir-Registru taz-Zwieg, Valletta, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' l-Iskrizzjoni tmienja u sittin ta' l-elf disa' mija u hamsa u disghin (68/1995);

Illi l-kunsens tal-partijiet fil-mument taz-zwieg kien ivvizzjat il-ghaliex kienu sfurzati jizzewgu peress li l-konvenuta kienet harget tqila u kellha tarbija minghand l-attur;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat minhabba l-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi mhabba r-ragunijiet premessi u mhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett legali;

TALAB li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar 1995, huwa null u bla effett legali;

2. konsegwentement tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnu esebiti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fid-9 ta' Gunju 1999 fejn eccepiet:

1. "Illi hija taqbel mat-talba ta' l-attur li z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fis-27 ta' Jannar 12995 ghandu jigi dikjarat null u bla effett pero' ghal htijiet u ragunijiet imputabbli lill-attur u ghalhekk hija ma ghandhiex tbati spejjez;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 1999 il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottoressa Yana Micallef Stafrace biex tigbor il-provi u tirrelata. Ir-rapport gie mahluf fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2001 fejn il-partijiet, tramite d-difensuri taghhom (Dottor Edwina Grima kienet assumiet il-patrocinju tal-konvenuta), qablu li l-kawza setghet tibqa' differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali zammet diversi seduti in dizimpenju ta' l-inkarigu taghha u dan apparti milli kkunsidrat ix-xhieda mressqa mill-partijiet permezz ta' affidavits, dawk ta' l-atturipprezentati b'nota tat-3 ta' Mejju 1999, dawk tal-konvenuta, invece, b'nota tas-17 ta' Mejju 2000. Wara ezami tal-fatti hija waslet ghall-konkluzzjoni illi:

24. “Izda iktar minn kollox spikka l-fatt li l-kontendenti zzewgu biss u eskluzivament minhabba t-twelid tal-minuri. Minghajr it-twelid tal-minuri qatt ma kienu jizzewgu. Fil-fatt ma l-ewwel ftit problemi ta’ bejniethom telqu lil xulxin au bdw jirrikattaw lil xulxin bil-minuri.

25. Dan juri kwadru ta’ kunsens vizzjat da parti taz-zewg kontendenti minhabba li l-kunsens taghhom kien inkiseb b’biza morali [Artikolu 19 (1) (a)] (Kap., 255) u inoltre l-kunsens tat-tnejn kien vizjat b’difett serju ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha [Artikolu 19 (1) (d)] (Kap. 255) kif fuq elaborat.”

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti tikkondividi l-konkluzzjoni illi waslet ghaliha l-Perit Legali partikolarment fil-paragrafu 24 fuq ikkwotat u taqbel illi l-kunsens tal-partijiet fil-mument taz-zwieg kien ivvizzjat minkejja illi mhux ghar-ragunijiet kollha kif imsemmija mill-Perit Legali.

Mill-provi jirrizulta illi da parti ta' l-attur it-twelid tat-tarbija u l-istat legali taghha kienu l-unika ragunijiet li nducewh biex jaghti l-kunsens tieghu ghaz-zwieg. Minkejja li ghar-ragunijiet diversi anke da parti tal-konvenuta dan il-fatt kien wiehed ewlieni li kkundizzjona l-kunsens taghha. Effettivament minkejja illi l-konvenuta tixhed fl-affidavit taghha li hija zzewget ghax hija kienet thobb lill-attur u biex tghaqqad familja, fil-kontro-ezami tghid: "*Kulhadd dina jaf li zzewwigna fuq it-tarbija, <u>anke jien</u>.*" (sottolinear tal-Qorti). Issa jekk din l-istqarrija tista' tkun interpretata li tfisser li anke hi kienet taf li l-<u>attur</u> biss izzewweg minhabba t-tarbija, ezami tal-komportament tal-konvenuta wkoll fiz-zmien ta' qabel iz-zwieg u mmedjatament wara z-zwieg wasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzzjoni illi anke da parti taghha z-zwieg ma kenitx haga mixtieqa. Dan jirrizulta anke minn ezami tax-xhieda prodotta

biss mill-konvenuta u dana peress illi partijiet sostanzjali tax-xhieda mressqa mill-partijiet hija konfliggenti.

Ikkunsidrat:-

Illi ghalhekk minn ezami tal-provi l-Qorti hija konvinta li l-kunsens taz-zewg partijiet kien ivvizzjat billi f'dan il-kunsens kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha minn naha taz-zewg partijiet kif ukoll dan il-kunsens inkiseb bl-eskluzjoni positiva ta' diversi mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Isibu ghalhekk l-applikazzjoni taghhom is-sub-incizi (d) u (f) ta' l-Artikolu 19 (1) Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-validita' o meno ta' dan iz-zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-27 ta' Jannar 1995 huwa null u bla effett legali; u

2. konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Ukoll ghar-ragunijiet fuq moghtija l-ispejjes tal-kawza ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Deputat Registratur

rf.